Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/4727

2.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Mejju 2026

li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex idaħħal korrezzjonijiet fit-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali tal-Belġju, tal-Irlanda, ta' Spanja, ta' Franza, tal-Italja, tal-Polonja, tas-Slovakkja u tal-Finlandja fir-Reġistru tal-Unjoni

(C/2026/4727)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(3), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) L-Istati Membri ssottomettew lill-Kummissjoni l-lista tal-installazzjonijiet fit-territorju tagħhom skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 ([3]), il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-listi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE kif sottomessi mill-Belġju, mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Kroazja, mill-Italja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, min-Netherlands, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovenja, mis-Slovakkja, mill-Finlandja u mill-Iżvezja, ħlief kif stabbilit fl-Artikolu 1 u fl-Annessi ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Istati Membri ddeterminaw u nnotifikaw l-ammonti annwali preliminari ta' kwoti bla ħlas għal kull installazzjoni bl-użu tal-valuri tal-parametru referenzjarju riveduti ddeterminati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 ([4]), skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([5]).

(4) Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/927 ([6]), ġie ddeterminat li ma kien jeħtieġ jiġi applikat l-ebda aġġustament għall-ammonti annwali preliminari tal-kwoti bla ħlas skont l-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, peress li d-domanda ma qabżitx l-ammont massimu.

(5) Il-Belġju nnotifika xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tiegħu b'ittra bid-data tal-4 ta' Lulju 2025. Għall-installazzjoni BE-224, ġie kkoreġut l-istatus ta' ġeneratur tal-elettriku. Għall-installazzjoni BE-205758, ġiet ikkoreġuta l-importazzjoni tas-sħana mhux tal-ETS tas-subinstallazzjoni tal-aċidu nitriku. Għall-installazzjoni BE-205758, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.
([2]) ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 tal-25 ta' Frar 2021 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 221, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/355/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 15.3.2021, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/447/oj).
([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/927 tal-31 ta' Mejju 2021 li tiddetermina l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għall-aġġustament ta' allokazzjonijiet bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 (ĠU L 203, 9.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/927/oj).

(6) L-Irlanda nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tas-17 ta' Frar 2026. Mal-installazzjoni IE-2 żdiedet subinstallazzjoni tal-ġipsum sekondarju mnixxef.

(7) Spanja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-25 ta' Marzu 2026. Għall-installazzjoni ES-519, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Għall-installazzjoni ES-758, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Mal-installazzjoni ES-758 żdiedet subinstallazzjoni tas-sħana mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni ES-90021, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Mal-installazzjoni ES-90021 żdiedet subinstallazzjoni tas-sħana mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni ES-90030, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Mal-installazzjoni ES-90030 żdiedu subinstallazzjoni tas-sħana mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali.

(8) Franza nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha permezz ta' ittra bid-data tat-2 ta' April 2026. Mal-installazzjoni FR-55 żdiedet subinstallazzjoni tal-fjuwil mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni FR-55, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni FR-204907, ġie kkoreġut l-istatus tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tas-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess. Mal-installazzjoni FR-204921 żdiedu subinstallazzjoni tal-fjuwil mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni FR-204921, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tas-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess. Għall-installazzjoni FR-206303, ġie kkoreġut l-istatus tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Mal-installazzjoni FR-206360 żdiedet subinstallazzjoni tal-fjuwil. Is-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess tneħħiet mill-installazzjoni FR-206360.

(9) L-Italja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tas-7 ta' April 2026. Mal-installazzjoni IT-352 żdiedet subinstallazzjoni tas-sħana. Għall-installazzjoni IT-941, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Mal-installazzjoni IT-941 żdiedet subinstallazzjoni tal-fjuwil.

(10) Il-Polonja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittri bid-dati tal-15 ta' Jannar 2026, tad-19 ta' Jannar 2026 u tas-27 ta' Marzu 2026. Għall-installazzjoni PL-240, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjonijiet tas-sħana. Għall-installazzjoni PL-456, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali. Is-subinstallazzjoni tas-sħana tneħħiet mill-installazzjoni PL-456. Għall-installazzjoni PL-202254, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Is-subinstallazzjoni tas-sħana mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, is-subinstallazzjoni tal-fjuwil mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u s-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tneħħew mill-installazzjoni PL-202254. Mal-installazzjoni PL-202254 żdiedu subinstallazzjoni tal-idroġenu, subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

(11) Is-Slovakkja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-31 ta' Marzu 2026. Għall-installazzjoni SK-17, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-ġir. Għall-installazzjonijiet SK-118, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Għall-installazzjoni SK-176, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Mal-installazzjoni SK-176 żdiedet subinstallazzjoni tas-sħana. Għall-installazzjoni SK-197, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil.

(12) Il-Finlandja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha permezz ta' ittra bid-data tal-31 ta' Marzu 2026. Għall-installazzjoni FI-239, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali. Is-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess tneħħiet mill-installazzjoni FI-395. Għall-installazzjoni FI-396, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Mal-installazzjoni FI-396 żdiedet subinstallazzjoni tas-sħana mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni FI-397, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali. Is-subinstallazzjoni tal-kartun mhux miksi tneħħiet mill-installazzjoni FI-397. Mal-installazzjoni FI-397 żdiedet subinstallazzjoni tal-fjuwil. Għall-installazzjoni FI-399, ġie kkoreġut il-livelli ta' attività storiku tas-subinstallazzjonijiet tas-sħana. Għall-installazzjoni FI-404, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tat-tessut. Is-subinstallazzjoni tal-ġir tneħħiet mill-installazzjoni FI-406. Is-subinstallazzjoni tas-sħana ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tneħħiet mill-installazzjoni FI-435. Għall-installazzjoni FI-435, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-

sħana mhux ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għall-installazzjoni FI-471, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-karta fina mhux miksija u tas-subinstallazzjoni tal-karta fina miksija. Għall-installazzjoni FI-476, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana, tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali, tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil u tas-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess. Għall-installazzjoni FI-476, ġew ikkoreġuti l-importazzjoni tas-sħana mhux tal-ETS u l-fattur ta' skambjabbiltà tal-elettriku tas-subinstallazzjoni tal-gass ta' sinteżi. Għall-installazzjoni FI-610, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess. Is-subinstallazzjoni tal-emissjonijiet minn proċess tneħħiet mill-installazzjoni FI-623. Għall-installazzjoni FI-623, ġie kkoreġut il-fattur ta' skambjabbiltà tal-elettriku tas-subinstallazzjoni tal-krekkjar bil-fwar. Għall-installazzjoni FI-205649, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-ġipsum sekondarju mnixxef. Għall-installazzjoni FI-206161, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil.

(13) It-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali nnotifikati huma f'konformità mal-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE, mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u mad-Deċiżjoni (UE) 2021/355.

(14) Għalhekk, jixraq li l-amministratur ċentrali jingħata struzzjonijiet biex idaħħal dawk il-korrezzjonijiet fir-Reġistru tal-Unjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-amministratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni qed jingħata l-istruzzjoni biex idaħħal il-korrezzjonijiet tat-tabelli tal-allokazzjonijiet nazzjonali tal-Belġju, tal-Irlanda, ta' Spanja, ta' Franza, tal-Italja, tal-Polonja, tas-Slovakkja u tal-Finlandja bl-ammonti annwali finali għall-allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025, kif stabbilit fl-Anness, fir-Reġistru tal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Belġju

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
BE000000000205758	205758	EuroChem Antwerpen NV	EuroChem Antwerpen NV	284 836	284 836	284 836	284 836	284 836	1 424 180
BE000000000000224	224	AB INBEV site Leuven	INBEV Belgium bvba	5 310	5 310	5 310	5 310	5 310	26 550
			TOTAL	290 146	290 146	290 146	290 146	290 146	1 450 730

ANNESS II

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: L-Irlanda

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
IE000000000000002	2	Kingscourt Works	Saint-Gobain Construction Products (Ireland) Limited	8 048	8 048	8 048	8 048	8 048	40 240
TOTAL				8 048	8 048	8 048	8 048	8 048	40 240

ANNESS III

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Spanja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
ES000000000000519	519	URSA IBÉRICA AISLANTES, S.A.	URSA IBÉRICA AISLANTES, S.A.	15 227	15 227	15 227	15 227	15 227	76 135
ES000000000000758	758	GUARDIAN INDUSTRIES NAVARRA, S.L	GUARDIAN INDUSTRIES NAVARRA, S.L	91 894	91 894	91 894	91 894	91 894	459 470
ES000000000090021	90021	MASOL IBERIA BIOFUEL, S.L.U.	MASOL IBERIA BIOFUEL, S.L.U.	16 366	16 366	16 366	16 366	16 366	81 830
ES000000000090030	90030	Ciudad Agroalimentaria de Tudela S.L.	Ciudad Agroalimentaria de Tudela S.L.	6 872	6 696	6 520	6 343	6 166	32 597
TOTAL				130 359	130 183	130 007	129 830	129 653	650 032

ANNESS IV

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Franza

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
FR000000000000055	55	Tereos Starch & Sweeteners Europe Etablissement de Nesle (80190)	Tereos Starch & Sweeteners	112 869	112 869	112 869	112 869	112 869	564 345
FR000000000204907	204907	ELKEM SILICONES Site de ST Fons	ELKEM SILICONES SAS France	14 764	14 764	14 764	14 764	14 764	29 555
FR000000000204921	204921	ELKEM SILICONES Site de Roussillon	ELKEM Silicones France	61 836	61 836	61 836	61 836	61 836	2 738 985
FR000000000206303	206303	ArcelorMittal Construction France Site 1 Contrisson	ArcelorMittal Construction France Site 1 Contrisson	14 496	14 496	14 496	14 496	14 496	
FR000000000206360	206360	POLYCHIM Industrie	POLYCHIM Industrie	3 546	3 546	3 546	3 546	3 546	17 730
			TOTAL	207 511	207 511	207 511	207 511	207 511	3 350 615

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: L-Italja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
IT000000000000352	352	Cartiera di Ferrara S.p.a.	Cartiera di Ferrara S.p.a.	0	13 795	13 795	13 795	13 795	55 180
IT000000000000941	941	Centrale produzione vapore stabilimento di San Pietro di Morubio	ITAL GREEN OIL SRL	7 122	7 122	7 122	7 122	7 122	35 610
TOTAL				7 122	20 917	20 917	20 917	20 917	90 790

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Polonja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
PL000000000000240	240	CIEPŁOWNIA KONSTANTYNOWSKA - PABIANICE	Zakład Energetyki Cieplnej Sp. z o.o.	7 756	7 756	7 756	7 756	7 756	38 780
PL000000000000456	456	Elektrociepłownia	ArcelorMittal Poland S.A.	1 593	1 552	1 511	1 470	1 429	7 555
PL000000000202254	202254	Wydział Blach Transformatorowych Stalprodukt S.A.	STALPRODUKT S.A.	31 914	31 914	31 914	31 914	31 914	159 570
			TOTAL	41 263	41 222	41 181	41 140	41 099	205 905

ANNESS VII

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Is-Slovakkja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
SK000000000000017	17	Calmit, spol. s r. o., Závod Zirany	Calmit, spol. s r. o.	30 330	30 330	30 330	30 330	30 330	151 650
SK000000000000118	118	SLOVMAG, a.s. Lubeník	SLOVMAG, a.s. Lubeník	43 087	43 087	43 087	43 087	43 087	215 435
SK000000000000176	176	Výroba keramických výrobkov vypaľovaním - Pezinská tehelňa	Pezinské tehelne - Paneláreň, a.s.	4 754	4 754	4 754	4 754	4 754	23 770
SK000000000000197	197	Tehelňa Močarmany	Leier Baustoffe SK s.r.o.	7 906	7 906	7 906	7 906	7 906	39 530
			TOTAL	86 077	86 077	86 077	86 077	86 077	430 385

ANNESS VIII

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021–2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Finlandja

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
FI0000000000000623	623	Borealis Polymers Oy:n tuotantolaitokset	Borealis Polymers Oy	577 263	577 263	577 263	577 263	577 263	2 886 315
FI0000000000000395	395	Heinolan Flutingtehdas	Stora Enso Oyj	53 556	53 556	53 556	53 556	53 556	267 780
FI0000000000000476	476	Laanilan teollisuusalue	Laanilan Voima Oy	81 681	81 681	81 681	81 681	81 681	408 405
FI0000000000000610	610	Tornion voimalaitos	Tornion Voima Oy	80 891	78 812	76 733	74 655	72 576	383 667
FI0000000000000406	406	Pietarsaaren tehtaat	UPM-Kymmene Oyj	153 549	153 549	153 549	153 549	153 549	767 745
FI0000000000000471	471	Jämsänkosken paperitehdas ja voimalaitos	UPM-Kymmene Oyj	153 448	153 448	153 448	153 448	153 448	767 240
FI0000000000000404	404	Rauman tehtaat	UPM-Kymmene Oyj	213 642	213 642	213 642	213 642	213 642	1 068 210
FI0000000000206161	206161	Yara Suomi Oy Siilinjärvi	Yara Suomi Oy	129 403	129 403	129 403	129 403	129 403	647 015
FI0000000000000396	396	Stora Enso Oyj, Imatran tehtaat	Stora Enso Oyj	247 791	247 791	247 791	247 791	247 791	1 238 955
FI0000000000000435	435	Stora Enso Publication Papers Oy Ltd, Anjalan tehtaat	Stora Enso Publication Papers Oy Ltd	144 180	144 180	144 180	144 180	144 180	720 900
FI0000000000000397	397	MM Kotkamills Boards Oy	MM Kotkamills Boards Oy	166 661	166 661	166 661	166 661	166 661	833 305
FI0000000000000239	239	Aittaluodon voimalaitos	Pori Energia Oy	26 034	25 365	24 695	24 026	23 358	123 478

ID tal-Installazzjoni	ID tal-installazzjoni (reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li għandha tiġi allokata					Kwantità li għandha tiġi allokata skont l-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
FI000000000000399	399	Stora Enso Oyj Varkauden tehtaat	Stora Enso Oyj	83 794	83 794	83 794	83 794	83 794	418 970
FI000000000205649	205649	Saint-Gobain Rakennustuotteet Oy, Gyproc Kipsilevytehdas	Saint-Gobain Finland Oy	3 589	3 589	3 589	3 589	3 589	17 945

TOTAL	2 115 482	2 112 734	2 109 985	2 107 238	2 104 491	10 549 930

ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/4727/oj